ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**Kompetenzi Ewlenin**

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2015**

| L-EWWEL SENA | IL-MALTI | IL-ĦIN: Siegħa u nofs |
|---|---|---|

**L-Isem u l-Kunjom:** ______________________________ **Il-Klassi:** _______

## GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

| Assessjar formattiv | Taħdit u Smigħ | Qari | Kitba | Letteratura | Proġett | Fehim mis-Smigħ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 60 |
| | | | | | | | |

| Assessjar summattiv | Fehim mill-Qari | Grammatika | Kitba Funzjonali | Kitba Libera | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| | 10 | 10 | 10 | 10 | 40 |
| | | | | | |

| Total aħħari |
|---|
| 100 |
| |

| A. TAĦRIĠ IL-FEHEM | 10 marki |
|---|---|

**Aqra l-istorja li ġejja. Wara wieġeb il-mistoqsijiet.**



## Il-Ġurdien Baħħar

Ġilormu kien ġurdien ċkejken li minn meta twieled għex ġo dgħajsa ta' raġel xiħ. **Ġilormu kien żaqqieq**. Il-gost tiegħu kien li jduq il-ħut differenti li kien jaqbad Fredu, sid id-dgħajsa. **(par. 1)**

Ġilormu kien jaħseb li fid-dinja ħut biss kien hemm għall-ikel. Iżda darba waħda ra lil Fredu jiekol. Kellu xi ħaġa f'idu qisha sponża, sponża tfuħ. **(par. 2)**

Kien għalhekk li Ġilormu resaq inkiss inkiss lejn ix-xiħ. Meta Fredu dawwar wiċċu, il-ġurdien kien pront u ħa gidma minn dak li kien qed jiekol ix-xiħ. Kien ħobż... iqarmeċ u frisk! Xi tjubija! **(par. 3)**

Malli waslu x-xatt, Ġilormu niżel l-art għall-ewwel darba. Ried isib aktar ikel bnin. Minn hawn bdiet il-ħajja avventuruża ta' Ġilormu, il-ġurdien baħħar li ssaħħar wara l-ħobż. **(par. 4)**

**1. Immarka Veru jew Falz.**

a) Ġilormu kien jibża' mill-baħar. *(par.1)*

Veru ☐ Falz ☐ *(marka)*

b) *Par. 3* – "**Ġilormu kien żaqqieq**" turi li l-ġurdien kien iħobb jiekol.

Veru ☐ Falz ☐ *(marka)*

**2. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li qrajt.**

a) Fejn kien jgħix il-ġurdien tal-istorja? *Par.1*

______________________________________________________ *(marka)*

b) X'kien l-ikel favorit ta' Ġilormu? *Par.1*

______________________________________________________ *(marka)*

ċ) X'ikel kien qed jiekol Fredu? *Par.2*

______________________________________________________ *(marka)*

d) X'għamel Ġilormu biex daq il-ħobż? *Par.3*

______________________________________________________ *(marka)*

e) X'iddeċieda li jagħmel Ġilormu, wara li daq il-ħobż bnin? *Par.4*

______________________________________________________ *(marka)*

f) Semmi xi ikel li seta' sab Ġilormu, meta niżel l-art.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

____________________________ *(3 marki)*



| **B. IL-GRAMMATIKA** | **10 marki** |
|---|---|

**1. Imla l-vojt biex tifforma l-kelma t-tajba.** *(4 marki)*

1 

fenek

2 

k _ _ b

 3

t _ _ o _

4 

r _ _

 5

ħ _ ie _

**2. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba.** *(4 marki)*

| | **Mamma** | | **Għerq** | |
|---|---|---|---|---|
| **naħfer** | jaħfer | ħafer | j-ħ-f-r | ħ-f-r |
| **jaqbżu** | qabeż | qabżu | q-b-ż-j | q-b-ż |

**3. Ikteb l-artiklu quddiem il-kelmiet.** *(2 marki)*



____ karozza



____ ċoff





____ għasfur

____ skola

## Ċ. IL-KITBA LIBERA **10 marki**

**1. Imla din il-formola billi tagħżel kliem mil-lista.** *(5 marki)*

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Joanne** | **naqra** | **nikteb** | **koħol** |
| **Ħal Balzan** | **kantant** | **futbol** | **kannella** |
| **Debono** | **niġri** | **ħodor** | **nistad** |
| **Jonathan** | **dentista** | **għalliem** | **mudella** |
| **kok** | **il-Ġermaniż** | **il-Franċiż** | **l-Ispanjol** |
| **il-Malti** | **l-Ingliż** | **is-sajf** | **ix-xitwa** |
| **ir-rebbiegħa** | **il-ħarifa** | | |

| | |
|---|---|
| Isem: | |
| Kunjom: | |
| Inti: | ☐ tifel ☐ tifla |
| Raħal twelidek: | |
| Passatempi: | 1. |
| | 2. |
| | 3. |
| Kulur għajnejk: | |
| X'tixtieq issir la tikber? | |
| L-aktar lingwa li tħobb: | |

| | |
|---|---|
| L-istaġun li tippreferi: | |

**2. Semmi ħames oġġetti fl-istampa, iktibhom u mmarkahom bi vleġġa. Ara l-eżempju.** *(5 marki)*



| **D. IL-KITBA KREATTIVA** | **10 marki** |
|---|---|

**Ikteb għaxar (10) sentenzi biex toħloq storja dwar:**

**MAWRA SAL-BAĦAR. L-istampi u l-kliem huma ta' għajnuna.**

## MAWRA SAL-BAĦAR



Fejn mortu?
X'għamel missierek meta wasaltu l-baħar?



Iltqajtu ma' xi ħbieb.
Min huma?
X'qgħadtu tagħmlu?
Kemm domtu tilagħbu flimkien?



X'qagħdet tagħmel il-mamà?
Kif saret il-mamà fix-xemx?



X'qgħadt tagħmel mal-familja?
X'għamiltu bil-kastell wara li lestejtuh?

## Tmiem il-Karta